# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. Nru. 681/01GV**

**James Barbara**

**vs**

**Michael u Romina konjugi Saliba**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti huma debituri ta' l-attur fis-somma ta' elf u hames mija u dfisgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,529.50), oltre l-imghaxijiet skond il-ligi mill-14 ta' Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament, rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' ikel u xorb u *catering service* fornut lill-konvenuti u lill-mistednin tal-konvenuti mill-attur fuq ordni u nkarigu tal-konvenuti fl-okkazzjoni tar-riceviment tat-tieg tal-konvenuti nhar l-14 ta' Ottubru, 2000;

Premess li ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex ihallsu u ghalkemm weghdu diversi drabi li kienu ser ihallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Premess li l-kreditu tal-attur fis-somma ta' elf hames mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,529.50) hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jaf l-attur, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' James Barbara hawn anness Dok. X;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif ipprovdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. Tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' elf hames mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,528.50) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' ikel u xorb u *catering services* fornuti lill-konvenuti u lill-mistednin tal-konvenuti mill-attur fuq ordni u nkarigu tal-konvenuti fl-okkazzjoni tar-riceviment tat-tieg tal-konvenuti;

3. Bl-imghaxijiet skond il-ligi mill-14 ta' Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar, 2001 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tal-attur:

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni; Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**